KUNSILL LOKALI L-IKLIN

**MINUTI - LAQGĦAT TAL-KUNSILL**
**ID-DISA' KUNSILL**
**SEDUTA NRU. 58 – IL-ĦAMIS 13 TA' APRIL 2023**

Il-laqgħa bdiet bit-talba fil-5.30 p.m. fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, Three Villages, nru. 11 Trejqet ir-Rumanzieri.

| | | |
|---|---|---|
| **PREŻENTI:** | Dott. Dorian Sciberras | Sindku |
| | Sa Yvonne Bartolo | Viċi-Sindku |
| | Sna Bernice Farrugia | Kunsillier |
| | Sur Emanuel Zammit | Kunsillier |
| | Sur Godwin Catania | Kunsillier |
| | Sur Etienne Montfort | Segretarju Eżekuttiv |

**MINUTI**

Kien hemm *quorum* biex tibda s-seduta u s-Sindku Dott. Dorian Sciberras ippresieda l-laqgħa.

**58.1 QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJI** (Skont l-Ordni Permanenti 14A (3)

58.1.1 Ma kienx hemm.

**58.2 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI.**

58.2.1 Il-minuti tal-laqgħa tal-Kunsill numru (57) kienu ntbagħtu lil kull membru tal-Kunsill Lokali minn qabel u għalhekk ittieħdu bħala moqrija.

Is-Sindku Dott. Dorian Sciberras ippropona li jkunu approvati, u l-Viċi Sindku Yvonne Bartolo issekondat.

58.2.2 Il-minuti ġew iffirmati mis-Sindku Dott. Dorian Sciberras u s-Segretarju Eżekuttiv Etienne Montfort bħala dokument korrett.

## 58.3 BIEX JIKKUNSIDRA KULL ĦAĠA LI TOĦROĠ MILL-MINUTI PREĊEDENTI U BIEX JIDDISPONI X-XOGĦOL, JEKK IKUN HEMM, LI JKUN FADAL MIL-LAQGĦA TA' QABEL

58.3.1 Ma kienx hemm.

## 58.4 KOMUNIKAZZJONI TAS-SINDKU

58.4.1 Is-Sindku Dott. Sciberras informa lill-preżenti li kienet inqalgħet issue dwar l-immaniġġjar tat-traffiku fi Triq May Butcher matul il-jum ta' filgħodu u peress li kellu interess dirett fil-kwistjoni, iddikjara kunflitt ta' interess u talab biex jirrikuża ruħu mis-seduta sakemm tiġi diskussa din il-materja.

F'dan l-istadju, kif jitlob l-Att dwar Gvern Lokali, il-Viċi Sindku Sa Yvonne Bartolo ħadet post is-Sindku biex tippresiedi l-laqgħa.

Il-Kunsillier Bernice Farrugia infurmat lill-preżenti li kienet irċeviet telefonata mingħand l-applikant/a u xtaqet tifhem aħjar fuq din il-materja.

Is-Segretarju Eżekuttiv spjega fid-dettal il-każ u l-proċedura kollha a sodisfazzjon tal-Kunsillieri preżenti u għamel riferenza għall-komunikat li kien irċieva mill-Awtorità tat-Trasport bid-data tal-14 ta' Marzu 2023. Jirriżulta li meta l-kuntrattur assenjat minn Transport Malta mar fuq il-post biex jimmarka l-parkeġġ riservat personalizzat, il-kuntrattur kien iggwidat biex il-parkeġġ eżistenti jiġi rilokat. B'riżultat ta' dan, il-kuntrattur kien mitlub sabiex jissospendi x-xogħlijiet tal-marki taż-żebgħa sabiex ikun hemm kjarezza tal-fatti.

Informa li l-applikant/a kienet diġa tgawdi minn dan is-servizz u fejn il-Kunsill kien unanimament favur li jingħata dan is-servizz. In-nuqqas ta' qbil bejn il-partijiet konċernati kien proprju dwar il-post preċiż tal-marka taż-żebgħa.

Bil-permess tal-Viċi Sindku li kienet qed tippresiedi s-seduta f'dak il-ħin, is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta d-dokumentazzjoni kollha rilevanti u ikkwota l-kontentut tad-deċiżjoni fejn issemmi li 'Id-Diviżjoni għall-Immaniġġjar tat-traffiku tixtieq tinfurmak li l-applikazzjoni tiegħek għal 'Reserved Parking bay' intlaqgħet minn Transport Malta, suġġett għal dritt minn terzi għaż-żmien stipulat hawn taħt u cioè għal perjodu ta' sena.

L-applikant/a in kwistjoni rreżistit ir-rakkomandazzjoni tal-Kunsill għaliex sostniet li t-talba għat-tiġdid tal-parkeġġ riservat personalizzat kellu jiġi rilokat quddiem ir-residenza tagħha.

Id-diskussjoni kienet waħda matura b'interventi tal-Kunsillieri kollha preżenti fejn kien hemm rieda tajba minn kulħadd biex tinstab soluzzjoni paċifika.

Il-Kunsillier Godwin Catania irrimarka li mingħajr ma jidħol fil-mertu tal-każ, stqarr li s-saħħa tal-persuna għandha tieħu dejjem prijorità u saħaq li llum il-ġurnata, iċ-ċittadin igawdi minn ħafna drittijiet u kkonkluda li fl-opinjoni umli tiegħu, kull fejn ikun hemm każ ġenwin ta' saħħa jieħu preċedenza fuq kulħadd.

Il-Kunsillier Bernice Farrugia irrimarkat li filwaqt li qed tifhem is-sitwazzjoni tal-applikant/a b'intenzjoni tajba li l-Kunsill isib soluzzjoni għall-istess applikant/a, min-naħa l-oħra ma xtaqietx li ġġib il-pożizzjoni tal-Kunsill f'sitwazzjoni skomda.

Il-Kunsillier Emanuel Zammit ikkummenta li mill-mod ta' kif qed jiżviluppa dan il-każ, jidher li l-partijiet konċernati jistgħu jeskalaw b'mod li parti jew oħra tirrikorri għal xi każ legali għaldaqstant kien tal-fehma li l-Kunsill jitlob parir professjonali.

Il-Viċi Sindku Sa Yvonne Bartolo irrikapitulat u kkonkludiet li ladarba l-membri preżenti mhux qed juru x-xewqa li jieħdu vot, kien deċiż li l-Kunsill jirrisolvi f'Kumitat biex jitolbu l-assistenza ta' legal advisor.

Imbagħad id-diskussjoni kienet magħluqa u l-Viċi Sindku Sa Yvonne Bartolo sejħet lis-Sindku Dott. Sciberras biex jerġa jieħu postu biex ikompli bl-ordni tax-xogħol.

58.4.2 Is-Sindku Dott. Sciberras kellu laqgħa mal-Aġenzija Infrastructure Malta dwar programm ta' xogħlijiet infrastrutturali għas-snin li ġejjin. Is-Sindku informa li l-laqgħa kienet waħda pożittiva u bi pjaċir ħabbar li l-Aġenzija IM kienet laqgħet ir-rakkomandazzjonijiet li kien issottometta l-Kunsill ftit tax-xhur ilu. Il-*modus operandi* se jimxi b'dan il-mod fejn matul din is-sena se jkun qed isir l-asfaltar ta' Triq Ġużè Pesci, Triq Mons. P.P. Saydon u Triq Alfons Maria Galea. It-tieni proġett ikun dak ta' Triq Stefano Erardi u Triq il-Klin u l-aħħar proġett se jkun l-asfaltar ta' Triq il-Ħarruba u Triq il-Plejju.

Fl-aħħarnett, is-Sindku informa li kien qed jittama li l-proġetti futuri ma jkunux ripetizzjoni ta' dak li għadda minnu l-Kunsill fuq Triq il-Wied. L-Aġenzija hija ferm konxja tad-diffikultajiet li nqalgħu fuq Triq il-Wied li għadhom ma ġewx riżolti u fejn matul din il-laqgħa taw l-assigurazzjoni tagħhom li ma kienx ser jiġri l-istess.

58.4.3 Is-Sindku Dott. Sciberras informa li kien irċieva komunikat minn Green Pak b'reazzjoni għall-proposta li kien għamel il-Kunsill fir-rigward ta' Recycling Points. Informa li Green Pak kien qed jissuġġerixxi lok differenti minn dak propost għal raġunijiet loġostiċi però s-sit propost fi Triq il-Wied k/m Triq Ġużè Galea ma jreġix għal numru ta' fatturi nkluż it-tneħħija ta' parkeġġi biex jiġu sostitiwiti bi Recycling points, iż-żona hija mħarsa bi CCTV u detriment għan-negozji taż-żona. Għaldaqstant kien maqbul li jiġi identitfikat sit alternattiv biex it-tqegħid ta' Recycling Points ma jkunx ta' inkonvenjent għall-komunità tal-Iklin.

58.4.4 Is-Sindku Dott. Sciberras informa li hemm rispons tajjeb għall-attività soċjali li jmiss għal Jum l-Omm li ġiet skedata għal nhar id-9 ta' Mejju. Fil-jiem li ġejjin ser titqassam mail-shot lill-komunità tal-Iklin u se jidher avviż fil-paġna ta' facebook biex il-komunità tattendi. B'hekk inkunu qed nilħqu l-iskop li sar l-istudju 'Iklin Community Project' biex naraw l-impenn tal-komunità fit-tisħiħ tal-identità tal-lokal.

## 58.5 TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERI.

58.5.1 Il-Kunsillier Godwin Catania ikkummenta dwar il-proġetti tal-asfalt tat-toroq li għamel aċċenn għalihom is-Sindku fil-komunikazzjoni tas-Sindku fejn qal li kien importanti li l-Kunsill ikun minn ta' quddiem biex iżid u jħawwel aktar siġar biex il-Kunsill jikkumpensa għall-iżvilupp li għaddej b'ritmu mgħaġġel f'din il-lokalità.

Is-Sindku Dott. Sciberras wieġeb li l-Aġenzija qed tagħti l-opportunità lill-Kunsill biex f'każ li l-Kunsill ikun jixtieq jagħmel modifiki fil-bankini jew jinkludi *soft landscaping*, l-Aġenzija tkun lesta tilqa l-proposti. Is-Sindku se jkun qed jitkellem mall-Perit tal-Kunsill biex nistudjaw din il-possibiltà.

58.5.2 Il-Kunsillier Godwin Catania staqsa jekk kienx hemm żviluppi mill-aħħar seduta tal-Kunsill dwar suġġeriment li kien ressaq is-Sur Joseph Buttigieg dwar il-proposta li parti minn B'Kara By-

Pass tiġi trasformata fi ġnien filwaqt li ssir under-pass għat-traffiku.

Is-Sindku Dott. Sciberras wieġeb li kien tkellem mas-Sindku ta' B'Kara u ser tiġi ffissata data għal-laqgħa bejn iż-żewġ lokalitajiet bil-għan li ssir talba konġunta lill-Gvern ċentrali. Is-Sindku ikkonkluda li din il-proposta hija sublimi u l-Kunsill għandu jimbotta dan il-proġett propost 'il quddiem mall-Gvern biex ikun jista jimmaterjalizza.

## 58.6 RAPPORT TAL-KORRISPONDENZA U L-ILMENTI.

58.6.1 Ġiet imressqa l-lista tal-korrispondenza kollha li waslet jew ħarġet mill-Uffiċċju bejn il-15 ta' Marzu u t-3 ta' April 2023 kif jidher fid-dokument A u B.

58.6.2 Il-Viċi Sindku Yvonne Bartolo staqsiet dwar korrispondenza nru. 554/23. Ċirk. 4/2023 – Proġett ta' School Grannies.

Is-Sindku Dott. Sciberras wieġeb li kien għaddej proġett pilota fix-Xewkija Għawdex u l-lokalità ta' Bormla dwar il-proġett Grannies. Jekk jaraw li dan il-proġett jaħdem, dan il-proġett jiġi varat madwar il-lokalitajiet fejn hemm l-iskejjel.

58.6.3 Il-Viċi Sindku Yvonne Bartolo staqsiet dwar korrispondenza nru. 555/23. Vettura tal-kiri għal Community Policing.

Is-Sindku Dott. Sciberras wieġeb li wasalna biex jiġi ffirmat ftehim bejn il-Kunsilli ġirien dwar il-kiri ta' vettura għal perjodu ta' tnax-il xhar għall-użu tal-Community Policing.

Il-ħsieb kollettiv wara din l-għajnuna jkun biex tiżdied l-effiċjenza fid-doveri tagħhom lejn il-komunitajiet tal-Iklin, Ħal Lija u Ħal Balzan.

**COMPLAINTS SHEET (15th March - 03 April 2023)**

| Ref. | Date | Description | Status | Address | Organisation |
|---|---|---|---|---|---|
| 87 | 16/03/2023 | Rapport ta' leakage ta' ilma taħt il-bankina | 303769205 | 25, Triq Ġużè Bonnici | **WSC** |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 88 | 20/03/2023 | Bankina bil-ħaxix | pending | Triq il-Ħarruba | **Cleansing** |
| 89 | 21/03/2023 | Ħsejjes minn tappieri | pending | Triq in-Naxxar | **WSC** |
| 90 | 23/3/23 | Makkinarji qed jgħaddu minn fuq il-bankina u kisru *inspection box* u l-bankina quddiem residenza 8,Triq G Bonnici talba biex issir tabela tal-makkinarji. | Settled | 8,Triq Ġ Bonnici | **Council** |
| 91 | 23/03/2023 | Bankina miksura minn Sub-Contractor tal-Melita | Pending | Triq il-Mużika | **Melita plc** |
| 92 | 24/03/2023 | Qattus mejjet fuq il-bankina | Settled | E. S. Inglott | **Cleansing** |
| 93 | 27/03/2023 | Talba għal metru yellow line mall- garaxx ta' 121, Triq Censu Busuttil | settled | Triq Ċensu Busuttil | **Council** |
| 94 | 28/03/2023 | Hemm cable imdendel mad-dar nru. 35 fi Triq E.S. Inglott | pending | Triq Erin Serracino Inglott | **Enemalta/GO/Melita** |
| 95 | 28/03/2023 | Kennies mhux imur fi Triq Ċ Busuttil | pending | Triq Ċ Busuttil | **Cleansing** |
| 96 | 29/03/2023 | Bankina u kaptella miksurin bl-inġenji quddiem 8 Triq Ġużè Bonnici | settled | Triq Ġ Bonnici | **Council** |
| 97 | 30/03/2023 | Talba ta' linji bojod fil-ġenb tal-garaxx. Vetturi jipparkjaw fuq l-*istop sign* u nofs ir-rampa tal-garage fi Triq Anton Buttigieg c/w Triq Ġużè Bonnici | pending | 16, Johann Triq Anton Buttigieg | **Council** |

## 58.7 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TA' PAGAMENTI

58.7.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq il-lista tal-kredituri kif jidher anness f'dokument immarkat D.

58.7.2 Is-Sindku Dott. Sciberras irrimarka dwar il-pagamenti bin-numru 18 u 19 li huma relatati mal-ispejjeż ta' perizja

u spejjeż amministrattivi tal-Awtorità tal-Ippjanar in konnessjoni mall-proġett għar-riġenerazzjoni tal-pjazza Ninu Cremona.

58.7.3 Imbagħad is-Sindku Dr. Dorian Sciberras ippropona li jitħallsu l-krédituri li jidhru fl-iskeda annessa u ssekondat mill-Viċi Sindku Yvonne Bartolo.

58.7.4 Kien hemm qbil unanimu li jsir il-ħlas indikat.

Dawn ġew iffirmati mis-Sindku Dott. Dorian Sciberras, il-Viċi Sindku Yvonne Bartolo u l-Kunsillieri Bernice Farrugia, Emanuel Zammit u Godwin Catania.

58.7.5 Il-Kunsill approva unanimament l-pagamenti kollha relatati mall-programm tal-festi natalizji li ġew organizzati mill-Kunsill matul ix-xhar ta' Diċembru. Il-Kunsill kien applika taħt l-iskema SPI/SCI/08/2022 u kien ibbenifika minn fondi biex ikun jista jtella' dawn l-attivitajiet.

## 58.8 MATERJI KONNESSI MAL-AWTORITÀ TAL-IPPJANAR

58.8.1 Applikazzjoni PA 01344/23 – 9, Paradiso, Triq Ġwann Mamo L-Iklin – Sanctioning of maisonette as built (previously approved by PB6188/81.

58.8.2 Applikazzjoni PA 01357/23 – Romar & No 49 Iklin, Triq il-Klin – Demolition of existing terraced house and including demolition of already approved cafeteria + tuition centre (as per PA 4751/18). Excavation and construction of basement, construction of child care centre (Class 2C) at ground floor, construction of cafeteria (Class 4C) at ground floor (replacing that in PA 4751/18); construction of tuition centre (Class 2C) at first floor (replacing that in PA 4751/18); and construction of (6) residential units from second floor upwards.

58.8.3 Applikazzjoni PA 01365/23 – Triq ir-Razzett l-Aħmar – To reconstruct and relocate a collapsed pre-1968 tool shed, and to create two openings along the frontage of the field.

58.8.4 Applikazzjoni PA 01251/23 – 3 Farm, Sqaq Ġiarda, L-Iklin. 'Sub-division of existing farmhouse into two residential units and including internal alterations and extension at first floor.

Construction of two pools, car port, and external paving. Proposed division of land, and construction of rubble walls, and shifting of existing gate.

**58.9 MOZZJONI DWAR PROPOSTA TA' STEMMA ĠDIDA IN KONNESSJONI MAL-IKLIN COMMUNITY PROJECT**

58.9.1 Is-Sindku Dott. Sciberras ippreżenta mozzjoni ssekondata mill-Viċi Sindku Yvonne Bartolo dwar il-proġett Community Project li kien ġie varat f'Lulju tas-sena 2022 fejn qed jiġu sottomessi disinni ġodda ippreparati mid-disinjatur tal-Kunsill biex jiġi magħżul logo ġdid biex jibda jintuża fil-materjal stampat u dak viżiv.

58.9.2 Wara diskussjoni dwar l-esibizzjoni u l-għażla ta' logos, il-mozzjoni bin-numru IX-57-9 datata 16 ta' Marzu 2023 ġiet approvata nem con.

58.9.3 Is-Segretarju Eżekuttiv ser jinforma lid-disinjatur dwar l-għażla tal-logo bħala parti minn *re-branding* tal-Kunsill bl-ideja li jingħata dehra aktar moderna. Bl-ebda mod, mhu ser tinbidel l-istemma uffiċċjali tal-Kunsill kif stabbilita mill-Att dwar Kunsilli Lokali

**(Ara dok. E Mozzjoni nru. IX-57-9)**

**58.10 AĠĠORANMENT DWAR FESTA FJURI 2023.**

58.10.1 Is-Sindku Dott. Sciberras għamel riferenza għall-iskema li ġiet mnedija mid-Direttorat għall-Gvern Lokali, Strateġija u Implimentazzjoni ta' Policy dwar finanzjament għall-attivitajiet kulturali annwali 2023/24.

58.10.2 Imbagħd stieden lis-Segretarju Eżekuttiv biex jagħti aġġornament dwar il-preparamenti għall-edizzjoni ta' din is-sena li ġiet skedata għal nhar is-Sibt 27 ta' Mejju 2023 bejn 0900hrs u 1400hrs fi Triq Anton Buttigieg u Pjazza Ninu Cremona.

58.10.3 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta abbozz tal-programm tal-attività li kien tħejja sabiex tiġi sottomessa l-applikazzjoni biex il-Kunsill ikun jista jibbenifika minn fondi għal din l-attività.

58.10.4 Wara din il-preżentazzjoni, is-Sindku Dott. Sciberras ressaq mozzjoni ssekondata mill-Viċi Sindku Yvonne Bartolo biex jikkunsidraw u japprovaw l-ispiża għall-edizzjoni Festa Fjuri 2023.

58.10.5 Il-Kunsill approva unanimament l-programm propost u kien deċiż li ssir l-applikazzjoni biex il-Kunsill ikun eliġibbli għal 85% tal-ispejjeż in konnessjoni ma' din l-attività kulturali.

58.10.6 Il-Kunsill approva unanimament l-applikazzjoni SPI/SCI/01/2023.

## 58.11 MOZZJONI BIEX TITTELLA ATTIVITÀ ĠDIDA GĦALL-KOMUNITÀ TAL-IKLIN F'LULU 2023

58.11.1 Is-Sindku Dott. Sciberras ippreżenta mozzjoni ssekondata mill-Viċi Sindku Yvonne Bartolo dwar l-attività għax-xhar ta' Lulju.

58.11.2 Wara diskussjoni wiesgħa dwar is-suġġett, is-Sindku ressaq din il-mozzjoni għall-approvazzjoni.

58.11.3 Il-Kunsill approva l-mozzjoni suġġett li jikseb il-fondi mill-Kunsill Reġjonali Lvant biex jassorbi l-ispiża totali biex jittella dan il-kunċert.

**(Ara dok. F mozzjoni nru. IX-58-11)**

## 58.12 MOZZJONI BIEX IL-KUNSILL JAWTORIZZA L-ISPEJJEŻ AMMINISTRATTIVI U SERVIZZI TA' PERIZJA GĦAR-RIĠENERAZZJONI TAL-ISPAZJU MIFTUĦ FI PJAZZA NINU CREMONA

58.12.1 Is-Sindku Dott. Sciberras ippreżenta mozzjoni ssekondata mill-Viċi Sindku Yvonne Bartolo dwar ir-riġenerazzjoni tal-pjazza.

58.12.2 Wara diskussjoni, is-Sindku ressaq il-mozzjoni għall-approvazzjoni tal-ispejjeż għas-servizzi professjonali ta' perizja u dawk amministrattivi.

58.12.3 Il-Kunsill approva nem con.

**(Ara dok. Ġ Mozzjoni nru. IX-58-10)**

**58.14 TMIEM TAL-LAQGĦA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS**

58.14.1 Qabel spiċċat il-laqgħa kien hemm ftehim li s-seduta li jmiss issir nhar l-Erbgħa, 10 ta' Mejju 2023 fil-5.30 p.m.

58.14.2 Dawn il-minuti sejrin ikunu mressqa u approvati waqt is-seduta tal-Kunsill ta' nhar l-Erbgħa, 10 ta' Mejju 2023 fil-5.30 p.m.

58.14.3 Il-laqgħa ġiet fi tmiem tagħha fis-7.20 p.m.

______________________ ______________________

**Dr. Dorian Sciberras** **Etienne Montfort**
Sindku Segretarju Eżekuttiv